MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Numru 1506/2007

Il-Pulizija
(Spettur A Portelli u
Spettur Stephen Mallia)

vs

Kevin Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 397802(L) akkuzat talli:

1. gewwa Hal Luqa matul ix-xhar ta’ Novembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda; u cioè

2. kkommetta serq ta’ diversi memory cards, 20 DVD writers, 3 digital cameras, 3 mobile phones u 3 MP3 players minn gewwa l-fond United Parcel Service li jinsab Hal Luqa, liema serq huwa kwalifikat bil-“valur” li jaccedi Lm1,000 u bil-“persuna” u dan sar ghad-dannu ta’ Charles Peresso, Attard & Co, id-dirigenti tal-United Parcel Service u/jew persuni ohra.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tieghu ghalhekk issibu hati ta’ l-imputazzjonijiet kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 18, 261(c) (d), 267, 268(d), 279(a), 280(1) tal-Kap 9 tiddeciedi anka ghaliex l-imputat irristitwixxa lill-dannegjat tas-serq, li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------